# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 t'April, 2001**

**Numru 18**

**Cit. Nru. 424/01 GCD**

**Cosmoline Limited**

**Vs**

**Supermaster Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' (Lm9,271.90) disat elef mitejn u wiehed u sebghin lira, u disghin centezmu, import ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta, u

Illi minkejja li interpellata sabiex thallas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti, u

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa mis-smigh;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' (Lm9,271.90) disat elef mitejn u wiehed u sebghin lira, u disghin centezmu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum

stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm